

**Anton Vella**

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?

# IBBENEFIKA MILL-MICROINVEST



Issa huwa l-mument li kull negozju żgħir jagħraf jaħtaf l-opportunità sabiex jibbenefika minn skema ta' kreditu ta' taxxa, liema skema reġgħet ġiet estiża għal sena oħra hekk kif is-sena li għaddiet tħabbar mill-Ministru Scicluna fid-diskors tal-baġit.

Qed nirreferi għall-iskema Microinvest. Skema li issa reġgħet inħarġet b'tibdiliet li jagħmluha aktar faċli sabiex aktar negozji jkunu jistgħu japplikaw.

Skema li jistgħu japplikaw għaliha s-*self employed* kollha, *sole traders*, *employers* ta' negozji żgħar li jħaddmu magħhom sa inqas minn 30 persuna u li t-*turn-over* jew total fil-bilanċ tagħhom ma jaċċedix l-għaxar miljun ewro.

Ħadd minn dawn li għadni kemm semmejt ma huwa eskluż li jibbenefika minn kreditu ta' taxxa sa massimu ta €30,000 fuq perjodu ta' tliet snin konsekuttivi jekk in-negozju jkun reġistrat f'Malta, u massimu ta' €50,000 fuq perjodu ta' tliet snin konsekuttivi jekk in-negozju jkun reġistrat f'Għawdex.

Bħala Assoċjazzjoni ta' min Iħaddem, (MEA), aħna nemmnu li skemi bħal dawn huma importanti sabiex *employers*, sidien ta' negozji żgħar, ikunu imwieżna fil-mumenti diffiċli u jsibuha aktar faċli li jkomplu jinvestu u joħolqu aktar xogħol. Għalhekk nappellaw sabiex ħadd ma jibqa' lura, u ma jintilifx iċ-ċans li tapplikaw u tibbenefikaw.

**Iżda din l-iskema kif taħdem?**

L-ewwel nett tajjeb li nispjega kif jaħdem il-prinċipju tal-ħlas tat-taxxa fis-settur tan-negozju. Kull *self employed* jew negozju, f'Ġunju ta' kull sena hu obbligat li bil-għajnuna tal-*accountant* tiegħu jimla l-formola tat-taxxa (jew kif nafuha aħjar l-*income tax return*) mibgħuta mill-istess Dipartiment tat-Taxxa, fejn fiha jiġi ddikjarat il-ħruġ u d-dħul li jkun ġie rreġistrat fis-sena ta' qabel, jinħadem il-profitt, u fuq dak il-profitt b'rati stabbiliti titħallas it-taxxa. Huwa proċess obbligatorju għal kull min qiegħed fin-negozju, u naħseb kulħadd jaqbel li huwa wkoll proċess ġustifikat li fuq kull profitt iġġenerat minn kwalunkwe attività kummerċjali għandhom jitħallsu t-taxxi dovuti.

Bil-Microinvest qed tingħata opportunità lis-settur tan-negozji żgħar sabiex għal tliet snin konsekuttivi, minflok dik it-taxxa jagħtuha lill-Gvern, l-*employers* ikunu jistgħu jinvestuha fin-negozju tagħhom.

Kull spiża kapitali li *self employed* jew *employer* ta' negozju żgħir jagħmel matul is-sena, jekk japplika għal Microinvest, il-Gvern ikun jista' jagħtih lura 45% jekk in-negozju rreġistrat Malta, u 65% jekk in-negozju rreġistrat Għawdex ta' dik l-ispiża li jkun għamel, fi kreditu ta' taxxa sa massimu ta' €30,000 jew €50,000 (kif spjegajt aktar 'il fuq).

Biex ikun jista' jifhimni kulħadd ser nagħti eżempju prattiku: jekk negozju f'sena waħda investa u nefaq pereżempju nefqa kapitali konsiderevoli għax iddeċieda li jibdel is-sistema tal-ixkaffar, installa xi sistema ġdida tal-elettriku, xtara xi apparat, u waħħal xi tabelli ġodda, u nefaq, għall-argument, total ta' €10,000, b'din l-iskema dan in-negozju ser ikun jista' jingħata lura 45% ta' din l-ispiża, jiġifieri €4,500 fi kreditu ta' taxxa. Dan ser isir billi, wara li jkun mela formola apposta u ppreżenta l-*invoices* kollha lill-Malta Enterprise, jiem wara jingħatalu ċertifikat mill-istess Malta Enterprise fejn jinfurmawh b'dan il-kreditu. B'hekk f'Ġunju li ġej, meta jkun qed jimla l-*income tax return* u jaħdem kif normalment jagħmel biex jara kemm irid iħallas taxxa lill-Gvern, qabel ma jibgħat l-ammont, (pereżempju €5,000), ser ikollu l-opportunità li jnaqqas minnhom l-€4,500 kreditu ta' taxxa li bbenefika permezz tal-iskema, u jibgħat biss €500. B'hekk l-€4,500 li kien ser jagħti lid-Dipartiment b'din l-iskema jiġu maħfura u issa jista' jżommhom fil-but.

Jekk (biex inżomm mal-istess eżempju li qed nagħti), meta timtela *income tax return* jirriżulta li int kulma għandek tagħti hu €2,000 f'taxxa, peress li permezz tal-iskema int kellek kreditu favorik ta' €4,500, għaldaqstant din is-sena int ma tħallas xejn, u jibqagħlek l-€2,500 l-oħra li tkun tista' tużahom is-sena ta' wara.

**Kif tapplika**

Għal din l-iskema kull *self employed* jew *employer*/sid ta' negozju żgħir, jista' japplika darba waħda biss għal kull sena. Għalhekk, jekk sa issa int bħala qarrej ta' din il-gazzetta għadek qatt ma bbenefikajt minn din l-iskema, issa huwa l-mument opportun li tibda tiġbor l-*invoices* kollha relatati ma' spejjeż kapitali li int qed tagħmel u li huma marbuta man-negozju tiegħek. Malli jasal Diċembru tal-2014, u tkun għbart flimkien l-*invoices* kollha, tkun tista' tniżżel il-formola tal-applikazzjoni minn fuq is-sit elettronku tal-Malta Enterprise, timlieha kif suppost, u fl-ewwel ġimgħat tas-sena 2015 tibgħatha 'l-Malta Enterprise u tistenna li terċievi ċ-ċertifikat tal-kreditu tat-taxxa. Sa Ġunju dan iċ-ċertifiakt ma għandux ikun problema biex ikun f'idejk, u b'hekk tkun tista' tinkludih u tużah waqt il-mili tal-formola tal-*income tax* għas-sena bażi 2014.

Ħadd ma għandu jitlef din l-opportunità. Kull min huwa eliġibbli huwa mħeġġeġ sabiex japplika. Il-Gvern qed joffri din l-iskema mingħajr restrizzjonijiet u m'hemmx lok li wieħed jippanikja għaliex mhux ser tiġi applikata l-proċedura tal-*first come first served* b'xi numru fiss ta' applikazzjonijiet, u kull min japplika u jkun eliġibbli ser jirċievi l-benefiċċju.

Tajjeb li nerġa' nfakkar li fil-każ li negozju jkun reġistrat fuq Għawdex, il-benefiċċju u l-kreditu ta' taxxa huwa ta 65%, u mhux 45%.

Għal aktar dettalji dwar din l-iskema wieħed jista' jirreferi għal avviż legali (A.L. 187 tal-2014) Att Dwar l-intrapriża ta' Malta (Kap. 463) ippubblikat fil-gazzetta tal-Gvern tat- 3 ta' Ġunju 2014. Ir-regolamenti speċifiċi tal-iskema tistgħu ssibuhom fuq l-internet billi tagħfsu l-ħolqa http://justiceservices.gov.mt li jġib it-titolu 'Tax credits for Micro-Enterprises and the Self-Employed Regulations (S.L. 463.09)'.

Għal informazzjoni ġenerali dwar l-iskema, u l-linji gwida, tista' tidħol fis-sit elettroniku uffiċjali tal-Malta Enterprise billi tagħfsu l-ħolqa: http://www.maltaenterprise.com/en/support/microinvest

Tajjeb li nfakkarkom ukoll li għal għajnuna u dettalji oħra dwar din l-iskema u oħrajn, wieħed jista' jagħmel kuntatt dirett mal-uffiċini tal-Businessfirst li jinsabu fi Gwardamanġa (fil-bini tal-Isptar San Luqa).

Bħala uffiċjal eżekuttiv tal-SME Helpdesk tal-MEA jiena nibqa' nkun disponibbli sabiex kull fejn issibu diffikultà nipprova ngħinkom mill-aħjar li nista'. Għalhekk tiddejqu xejn li tikkuntattjawni fejn teħlu, jew tħossu l-ħtieġa li titkellmu ma xi ħadd dwar din l-iskema partikolari.

www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

Kull min jixtieq jagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) jista' jagħmel dan billi jċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Jista' wkoll jibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew juża l-24/7 *helpline* 2122 2006, billi jċempel u jħallina ismu, sabiex fl-iqsar żmien possibbli nirritornaw it-telefonata tiegħu.

Grazzi talli tajtuni l-opportunità li nitkellem magħkom. Nitlaqgħu bħal-lum xahar. Min jixtieq jgħaddili xi suġġerimenti fuq suġġetti li jixtieq jisma' mingħandi fil-ġimgħat li ġejjin, nitlobkom tħossukom liberi li tikkomunikaw miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwegħedkom li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakomx.